MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 388/2007

**Mobisle Communications Ltd (C-24655)**

**Vs**

**Patrick Grech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u seba u disghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm197.88c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1008453/1008454 in rigward ghas-servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Gunju, 2006 u Ottrubru, 2006;

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali;

Ra li l-konvenut baqa ma  pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu pprezentat mill- PL Peter Sammut fid-9 ta' Lulju, 2007;

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------